**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 27 ta` Novembru 2018**

**Rikors Nru. 1/2008JZM**

**Fl-atti tal-istralc tal-kumpannija Strategic Campaigns and Consultancy Limited (C29234), wara l-hatra ta` stralcjarju mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali fit-8 ta` Ottubru 2008**

**Il-Qorti :**

Rat il-provvediment li tat il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali fit-8 ta` Ottubru 2008 fejn kien mahtur stralcjarju ghall-kumpannija Strategic Campaigns and Consultancy Limited (C29234).

Rat il-verbali tal-udjenzi ta` l-istralc.

Rat l-atti li kienu prezentati fil-kors tal-istralc.

Rat l-Art 244 tal-Kap 386.

Billi hija sodisfatta li l-istralcjarju hares il-htigijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda tehles lill-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Rat l-Art 264 tal-Kap 386.

Billi l-affarijiet tal-kumpannija huma stralcjati ghal kollox.

U billi tharsu l-htigijiet tal-Art 244 tal-Kap 386.

Qeghda tordna li l-isem tal-kumpannija Strategic Campaigns and Consultancy Limited (C29234) jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien sebat ijiem mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija Strategic Campaigns and Consultancy Limited (C29234).

Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ihares dak l-ordni.

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imħallef**